

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Ċaħda ta' l-oppożizzjoni fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Ċaħda ta' l-appell

Motivi invokati: Ksur ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li t-trade marks ikkonċernata huma simili mill-lat viżiv u fonetiku u l-prodotti u s-servizzi koperti bit-trade marks ikkonċernati huma identiċi; ksur ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill Nru 40/94 peress li l-użu tat-trade mark li għaliha saret applikazzjoni aktarx toħloq konfużjoni.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2008 — Batchelor vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-250/08)

(2008/C 209/113)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Edward William Batchelor (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: F. Young, Solicitor, A. Barav, Barrister, u D. Reymond, lawyer)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrent

- tannulla d-deċiżjoni negattiva impliċita li, skond l-Artikolu 8 (3) tar-Regolament ta' Aċċess, hija meqjusa li nġhatat mill-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' April 2008 u d-deċiżjoni negattiva espliċita mogħtija mill-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2008, dwar talba għal aċċess għal dokumenti mressqa skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001 L 145, p. 43);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha u għall-ispejjeż inkorsi mir-rikorrent f'din il-proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors għal annullament taħt l-Artikolu 230 KE sar kontra d-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni tad-9 ta' April 2008 u kontra d-deċiżjoni espliċita tas-16 ta' Mejju 2008, mogħtija skond ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ⁽¹⁾ (ir-“Regolament ta' Aċċess”), li permezz tagħhom il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tar-rikorrent għal aċċess għal dokumenti dwar in-notifika ta' miżuri taħt l-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/552/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b're-

golament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar it-twettagħ ta' attivitajiet ta' xandir bit-televiżjoni.

Ir-rikorrent jikkontendi li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 253 KE u l-Artikoli 7(1) u 8(1) tar-Regolament ta' Aċċess u għalhekk hija vvizzjata bi ksur ta' rekwiżit proċedurali sostanzjali, prinċipalment, billi naqset milli tagħti raġunijiet suffiċjenti għan-nuqqas tagħha li tagħti l-aċċess mitlub għad-dokumenti, id-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 255 KE u l-Artikoli 1(a), 2(1) u (3), 4(1) sa (6) tar-Regolament ta' Aċċess. B'mod partikolari, ir-rikorrent jikkontendi li d-deċiżjoni kkontestata tikser ir-Regolament ta' Aċċess meta qieset li kienu applikabbli l-eċċezzjonijiet taħt it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4(3) u l-ewwel u t-tielet inċiżi ta' l-Artikolu 4(2) tiegħu u, fl-aħħar nett, li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-Artikolu 4(6) tar-Regolament ta' Aċċess in kwantu tonqos milli tagħti raġunijiet għan-nuqqas tagħha li tagħti l-aċċess parzjali mitlub għad-dokumenti.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU 2001 L 145, p. 43).

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2008 — Tipik vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-252/08)

(2008/C 209/114)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Tipik Communication Agency SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: E. Gillet, L. Levi u C. Dubois, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, b'data mhux magħrufa, li biha kien ġie deċiż li tiġi miċħuda l-offerta magħmula mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura għall-ġoti ta' kuntratt pubbliku dwar servizzi li jikkonċernaw b'mod partikolari s-Sit Internet EUROPA (PO/2007-31/C2);
- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, b'data mhux magħrufa, li biha kien ġie deċiż li jingħata l-imsemmi kuntratt pubbliku lill-konsorzju mmexxi mill-kumpannija *European Service Network*;